**9 ta' Marzu, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A., LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Mario Gauci

**Dritt ta' l-Akkużat li jkun Assistit minn Avukat jew Prokuratur Legali – Differimenti – Diskrezzjoni tal-Ġudikant**

*Ma hemmx dubju li kull imputat għandu d-dritt li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali. Iżda l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-prattika forensi jkun dejjem sottomess għad-dettami tar-raġuni retta u prattika tal-ġudikant. Id-dritt ta' l-imputat irid jiġi armonizzat ma' l-obbligu tal-ġudikant li jittratta l-kawża u jiddeċidiha.*

*Il-Qorti hi obbligata li tirregola u tikkontrolla rigorożament id-differimenti tal-kawżi kriminali.*

Il-Qorti: –

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni miġbura minnha fuq akkużi miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat hawn fuq imsemmi;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tat-12 ta' Marzu, 1991;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' Mario Gauci li bih talab illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tikkonferma s-sentenza fil-parti liberatorja tagħha u tirrevokha fil-parti fejn sabitu ħati billi tiddikjarah mhux ħati u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija skond il-liġi, kif ukoll illi tirrevoka l-ordni ta' l-ewwel Qorti kwantu t-telfien tal-garanzija ġà msemmija;

*Omissis;*

Ikkunsidrat:

Illi l-appell huwa f'dan l-istadju limitat għal deċiżjoni dwar l-ewwel aggravju fir-rikors ta' l-appell u ċjoè dwar il-fatt illi qatt ma saru sottomissjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati mill-avukati ta' l-appellant, għar-raġunijiet li u kif dettaljatament ġie spjegat fl-ewwel parti tar-rikors ta' l-appell;

Din il-Qorti diġè kellha l-opportunità li tidħol f'dan il-mertu fl-appell kriminali Pulizija *vs* Paul Debono deċiża fil-11 ta' Mejju, 1990;

Inoltre, l-kawża ċitata bħala deċiża mill-Prim'Awla mid-difiża appellanti, ċjoè dik ta' Beligno Saliba, ġiet deċiża fl-Appell Kostituzzjonali fl-10 ta' April, 1991;

Sostanzjalment dik il-Qorti qablet mad-deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-każ ta' Debono. Ikun utili hawn, anki għall-futur li jiġu enunċjati u kkonfermati l-prinċipji segwenti;

1. Id-dritt ta' kull imputat li jkun assistit minn avukat jew prokuratur legali skond il-każ huwa indubitat. Iżda l-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju fil-prattika forensi jkun dejjem sottomess għad-dettami tar-raġuni retta u prattiká tal-ġudikant;

2. Id-dritt fuq imsemmi ta' l-akkużat irid jiġi armonizzat ma' l-obbligu tal-ġudikant li jittratta l-kawża u jiddeċidiha;

3. Il-Qorti hi obbligata li tirregola u tikkontrolla rigorożament *id-differimenti tal-kawżi kriminali*;

Taħt dawn il-prinċipji jiġu eżaminati l-fatti li taw lok għal-lanjanza *"de quo agimur"*;

Fis-6 ta' Ġunju, 1990, fit-3 ta' Lulju, 1990 u fit-2 ta' Ottubru 1990, l-akkużat, imsejjaħ tliet darbiet ma deherx u fil-frattemp hemm il-viċenda tar-revoka tal-libertà proviżorja. Fl-24 ta' Novembru, 1990, il-Prosekuzzjoni rrinunzjat għall-aħħar prova li kellha u ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi;

L-imputat iddikjara li mhux ser jixhed u li lanqas ma kellu xhieda fid-difiża tiegħu. Sar verbal hekk:

"Il-Qorti tħalli l-kawża għall-finali trattazzjoni għall-15 ta'

Jannar, b'dan li tgħaddi għas-sentenza fuq il-provi li hemm'';

Wieħed jifhem li dan kien ifisser li jiġri x'jiġri f'tali seduta, il-Qorti kienet fi ħsiebha tgħaddi għas-sentenza wara tali data;

Fis-seduta tal-15 ta' Jannar l-akkużat qal illi l-avukat tiegħu kien ma jiflaħx u l-Qorti ddifferiet għall-finijiet tal-verbal preċedenti għat-12 ta' Frar, 1991;

Fit-12 ta' Frar l-avukat, imsejjaħ tliet darbiet ma deherx u l-Qorti ddifferiet għas-sentenza. Fit-12 ta' Marzu ngħatat is-sentenza;

Il-Qorti, tenut kont ta' dan l-iter, ma jidhrilhiex li għandha x'tikkummenta avversament dwar l-attitudni li ħadet l-ewwel Qorti. Huwa veru, kif sostna l-abbli difensur ta' l-appellant, illi l-prosekuzzjoni kienet ilha biex tipproduċi lil Dr. Abela Medici bħala xhud iżda huwa veru wkoll illi l-Prosekuzzjoni adirittura rrinunzjat għal tali xhud wara xi differimenti għal dan l-iskop. It-tul ta' parti ma jiġġustifikax it-tul tal-parti l-oħra. Inoltre ma sar ebda rikors, kif wieħed kien jistenna għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u l-verbal ta' l-aħħar seduta qabel tali sentenza kien ċar;

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti mhix ser tvarja d-diskrezzjoni tal-ġudikat fir-regolament ta' l-andament tal-kawża u ma tarax il-lanjanza ta' l-akkużat appellant ġustifikata f'dan ir-rigward;

Għalhekk il-Qorti tħalli l-appell għall-kontinwazzjoni għad-29 ta' April fid-9.00 a.m.